MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru. 44/2005

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech u
Sp Ramon Mercieca)
vs
Joseph Abela, iben Joseph,
imwieled Pieta’ fl-24 ta’
ġunju, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta’ ottubru, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, fi bnadi differenti f’Malta u f’ħinijiet differenti –
1. kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza;
2. talli fit-3 ta’ ottubru, 2004, b’qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanżi, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanżi jkunu jistgħu ‘l quddiem jiswew bi prova

kontra persuna oħra u cioe' kontra Rita Leuellen mill-Belt, Valletta, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
3. talli fit-3 ta' ottubru, 2004 iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b'qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbnew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat iż-żewġ noti tal-Avukat Ġenerali li bihom ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkżi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 110(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------